Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►**B** **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/68**

tal-21 ta' Jannar 2016

dwar il-proċeduri u l-ispeċifikazzjonijiet komuni meħtieġa għall-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi tal-kards tas-sewwieqa

(ĠU L 15, 22.1.2016, p. 51)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1503 tal-25 ta' Awwissu 2017	L 221	10	26.8.2017

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/68

tal-21 ta' Jannar 2016

dwar il-proċeduri u l-ispeċifikazzjonijiet komuni meħtieġa għall-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi tal-kards tas-sewwieqa

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti rigward il-konnessjoni obbligatorja tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-kards tas-sewwieqa mas-sistema ta' messaġġi TACHOnet imsemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Minbarra d-definizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) “interfaċċa asinkronika” tfisser proċess li bih messaġġ bi tweġiba għal rikjesta jiġi ritornat fuq konnessjoni HTTP ġdida;

(b) “tfittxija ġenerali” tfisser messaġġ ta' rikjesta mingħand Stat Membru li jkun indirizzat lill-Istati Membri kollha;

(c) “awtorità emittenti tal-kards” (“CIA”) tfisser l-entità awtorizzata minn Stat Membru għall-ħruġ u l-ġestjoni tal-kards tat-takografu;

(d) “sistema ċentrali” tfisser is-sistema tal-informazzjoni li tippermetti r-routing tal-messaġġi TACHOnet bejn l-Istati Membri;

(e) “sistema nazzjonali” tfisser is-sistema tal-informazzjoni stabbilita f'kull Stat Membru biex il-messaġġi TACHOnet ikunu jistgħu jintbagħtu, jiġu pproċessati u mwieġba;

(f) “interfaċċa sinkronika” tfisser proċess li bih messaġġ bi tweġiba għal rikjesta jiġi ritornat fuq l-istess konnessjoni HTTP li kienet intużat għar-rikjesta;

(g) “Stat Membru tar-rikjesta” tfisser l-Istat Membru li jibgħat rikjesta jew notifika, li mbagħad tiġi routed lill-Istat Membru jew l-Istati Membri xierqa għat-tweġiba;

(h) “Stat Membru tat-tweġiba” tfisser l-Istat Membru li lilu kienet indirizzata r-rikjesta jew in-notifika ta' TACHOnet;

(i) “tfittxija mmirata” tfisser messaġġ ta' rikjesta mingħand Stat Membru li jkun indirizzat lil Stat Membru wieħed;

▼B

(j) “kard tat-takografu” tfisser kard tas-sewwieqa jew kard tal-workshop, kif iddefinit fl-Artikolu 2(f) u (k) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014;

▼M1

(k) “Servizzi Trans-Ewropej għat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet (‘TESTA’)” tfisser pjattaforma tal-interkonnessjoni tat-telekomunikazzjoni għal skambju sigur tal-informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Unjoni.;

(l) “aċċess dirett għas-sistema TACHOnet” tfisser il-konnessjoni mas-sistema ta'messaġġi TACHOnet ta' reġistru elettroniku nazzjonali permezz ta' konnessjoni TESTA ġestita mill-Istat Membru li jospita r-reġistru;

(m) “aċċess indirett għas-sistema TACHOnet” tfisser il-konnessjoni mas-sistema ta' messaġġi TACHOnet ta' reġistru elettroniku nazzjonali permezz ta' konnessjoni TESTA ġestita minn Stat Membru li ma jospitax ir-reġistru.

▼B

Artikolu 3

Obbligu tal-konnessjoni ma' TACHOnet

L-Istati Membri għandhom jikkollegaw ir-reġistri elettroniċi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 31(1) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, mas-sistema ta' messaġġi TACHOnet.

▼M1

Artikolu 3a

Il-konnessjoni minn pajjiżi terzi

Soġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni, pajjiżi terzi jistgħu jagħmlu konnessjoni tar-reġistri elettroniċi tagħhom mas-sistema ta' messaġġi TACHOnet, jekk jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 3b

Testijiet preliminari

Il-konnessjoni ta' reġistru elettroniku nazzjonali mas-sistema ta' messaġġi TACHOnet, kemm b'aċċess dirett jew indirett, għandha tiġi stabbilita wara li jitlestew b'suċċess it-testijiet tal-konnessjoni, tal-integrazzjoni u tal-prestazzjoni skont l-istruzzjonijiet u taħt is-sorveljanza tal-Kummissjoni.

Jekk it-testijiet preliminari jfallu, il-Kummissjoni tista' tissospendi temporanjament il-fażi tal-ittestjar. It-testjar għandu jissokta meta l-awtorità nazzjonali responsabbli tikkomunika lill-Kummissjoni l-adozzjoni tat-titjib tekniku meħtieġ fil-livell nazzjonali li jippermetti s-suċċess tat-testijiet preliminarji.

It-tul massimu tat-testijiet preliminari għandu jkun sitt xhur.

▼B

Artikolu 4

Speċifikazzjonijiet tekniċi

Is-sistema ta' messaġġi TACHOnet għandha tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-Annessi I sa VII.

▼B

Artikolu 5

Użu ta' TACHOnet

L-Istati Membri għandhom isegwu l-proċeduri stipulati fl-Anness VIII.

L-Istati Membri għandhom jagħtu aċċess għas-sistema ta' messaġġi TACHOnet lill-awtoritajiet nazzjonali emittenti tal-kards tagħhom u lill-uffiċjali tal-kontroll li jwettqu d-dmirijiet imsemmija fl-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, sabiex jiffaċilitaw il-kontrolli effettivi tal-validità, tal-istatus u tal-uniċità tal-kards tas-sewwieqa.

▼M1

Artikolu 5a

Aċċess indirett għat-TACHOnet

1. Awtorità nazzjonali li titlob aċċess indirett għat-TACHOnet għandha tressaq dawn id-dokumenti segwenti lill-Kummissjoni:

(a) ittra ffirmata minn rappreżentant tal-awtorità nazzjonali li titlob lill-Kummissjoni biex tibda l-fażi tal-ittestjar sabiex jingħata aċċess indirett għat-TACHOnet;

(b) applikazzjoni għal aċċess indirett għat-TACHOnet fil-format stabbilit fl-Anness IX;

(c) il-kuntratt bilaterali bejn l-awtorità nazzjonali li qed titlob l-aċċess indirett u l-awtorità nazzjonali li tipprovdi dan l-aċċess permezz tal-konnessjoni TESTA tagħha, iffirmat minn rappreżentanti taż-żewġ awtoritajiet nazzjonali.

2. Sa mhux aktar tard minn xahrejn mis-sottomissjoni tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha titlob lill-awtorità nazzjonali kkonċernata biex-tippreżenta l-informazzjoni teknika meħtieġa sabiex jinbdew it-testijiet preliminari msemmija fl-Artikolu 3b.

3. L-aċċess indirett għat-TACHOnet ma għandux jingħata sakemm ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ma jkunux ġew issodisfati.

▼B

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-2 ta' Marzu 2018.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Aspetti ġenerali tas-sistema ta' messaġġi TACHOnet

1. **Arkitettura**

Is-sistema ta' messaġġi TACHOnet se tkun magħmula mill-partijiet li ġejjin:

1.1. Sistema ċentrali, li se tkun tista' tirċievi rikjesta mingħand l-Istat Membru tar-rikjesta, tivvalidaha u tipproċessaha billi tgħaddiha lill-Istati Membri tat-tweġiba. Is-sistema ċentrali għandha tistenna lil kull Stat Membru tat-tweġiba biex iwieġeb, imbagħad tikkonsolida t-tweġibiet kollha u tibgħat ir-risposta kkonsolidata lill-Istat Membru tar-rikjesta.

Il-messaġġi kollha ta' TACHOnet għandhom jiġu routed mis-sistema ċentrali.

1.2. Is-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri, li għandhom jiġu mgħammra b'interfaċċa li tkun kapaċi tibgħat ir-rikjesti lis-sistema ċentrali u, ukoll, tirċievi t-tweġibiet korrispondenti. Is-sistemi nazzjonali jistgħu jużaw software tagħhom stess jew software kummerċjali biex jittrażmettu u jirċievu l-messaġġi mis-sistema ċentrali.

2. **Ġestjoni**

2.1. Is-sistema ċentrali se titmmexxa mill-Kummissjoni, li se tkun responsabbli għat-tħaddim tekniku u l-manutenzjoni tas-sistema ċentrali.

2.2. Is-sistema ċentrali mhux se taħżen id-dejta għal perjodu ta' aktar minn sitt xhur, minbarra d-dejta tar-reġistrazzjoni u d-dejta statistika stabbilita fl-Anness VII.

2.3. Is-sistema ċentrali mhux se tipprovdi aċċess għad-dejta personali, ħlief lill-persunal awtorizzat tal-Kummissjoni, meta dan ikun meħtieġ għall-finijiet ta' monitoraġġ, ta' manutenzjoni u ta' individwazzjoni ta' soluzzjonijiet.

2.4. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli:

2.4.1. Għat-twaqqif u l-ġestjoni tas-sistemi nazzjonali tagħhom, inkluż l-interfaċċa mas-sistema ċentrali.

2.4.2. Għall-installazzjoni u l-manutenzjoni tas-sistema nazzjonali tagħhom, kemm tal-hardware u kif ukoll tas-software, u kemm jekk tagħhom stess jew sistema kummerċjali.

2.4.3. Għall-interoperabbiltà korretta tas-sistema nazzjonali tagħhom mas-sistema ċentrali, inkluża l-ġestjoni tal-messaġġi ta' żball li jaslu mis-sistema ċentrali.

2.4.4. Biex jieħdu l-miżuri kollha biex jiżguraw il-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tal-informazzjoni.

2.4.5. Għat-tħaddim tas-sistemi nazzjonali skont il-livelli ta' servizz stabbiliti fl-Anness VI.

2.5. Il-portal tal-web MOVEHUB

Il-Kummissjoni se tipprovdi applikazzjoni bbażata fuq il-web b'aċċess sikur, imsejħa "l-portal tal-web MOVEHUB", li tipprovdi tal-inqas dawn is-servizzi li ġejjin:

(a) l-istatistika dwar id-disponibbiltà tal-Istati Membri;

▼B

(b) in-notifika tal-manutenzjoni fuq is-sistema ċentrali u s-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri;

(c) rapporti aggregati;

(d) il-ġestjoni tal-kuntatti;

(e) skemi XSD.

2.6. Il-ġestjoni tal-kuntatti

2.6.1. Il-funzjonalità tal-ġestjoni tal-kuntatti se tipprovdi lil kull Stat Membru bil-kapaċità li jamministra d-dettalji ta' kuntatt fir-rigward tal-utenti politiċi, kummerċjali, operazzjonali u tekniċi ta' dak l-Istat Membru, billi l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru hija responsabbli għaż-żamma tal-kuntatti tagħha stess. Għandu jkun possibbli li wieħed jara, iżda mhux jeditja, id-dettalji ta' kuntatt ta' Stati Membri oħrajn.

2.6.2. TACHOnet se tuża d-dettalji ta' kuntatt imsemmija fil-punt 2.6.1 biex timla d-dettalji ta' kuntatt fil-messaġġi ta' tweġiba.

▼B

ANNESS II

Funzjonalitajiet tas-sistema ta' messaġġi TACHOnet

1. Is-sistema ta' messaġġi TACHOnet għandha tipprovdi l-funzjonalitajiet li ġejjin:

1.1. Verifika tal-kards maħruġa (Check Issued Cards, CIC): din tippermetti lill-Istat Membru tar-rikjesta biex jibgħat Rikjesta għal Verifika tal-Kards Maħruġa lil Stat Membru tat-tweġiba wieħed jew aktar, biex jiġi ddeterminat jekk l-applikant diġà għandux kard tas-sewwieqa maħruġa mill-Stati Membri tat-tweġiba. L-Istati Membri tat-tweġiba għandhom iwieġbu għar-rikjesta billi jibagħtu Tweġiba għall-Verifika tal-kards maħruġa.

1.2. Verifika tal-istatus tal-kard (Check Card Status, CCS): din tippermetti lill-Istat Membru tar-rikjesta li jistaqsi lill-Istat Membru tat-tweġiba dwar id-dettalji ta' kard maħruġa minn dan tal-aħħar billi jibgħat Rikjesta għal Verifika tal-istatus tal-kard. L-Istat Membru tat-tweġiba għandu jwieġeb għar-rikjesta billi jibgħat Tweġiba għall-Verifika tal-istatus tal-kard.

1.3. Modifika tal-istatus tal-kard (Modify Card Status, CCS): din tippermetti lill-Istat Membru tar-rikjesta li jinnotifika lill-Istat Membru tat-tweġiba, permezz ta' Rikjesta għal Modifika tal-istatus tal-kard, li l-istatus ta' kard maħruġa minn dan tal-aħħar inbidel. L-Istat Membru tat-tweġiba għandu jwieġeb b'Rikonoxximent tal-Modifika tal-istatus tal-kard.

1.4. Kard maħruġa abbażi ta' liċenzja tas-sewqan (Issued Card Driving License, ICDL): din tippermetti lill-Istat Membru tar-rikjesta li jinnotifika lill-Istat Membru tat-tweġiba, permezz ta' Rikjesta għal kard maħruġa abbażi ta' liċenzja tas-sewqan, li nħarġet kard minn dan tal-ewwel abbażi tal-liċenzja tas-sewqan maħruġa minn dan tal-aħħar. L-Istat Membru tat-tweġiba għandu jwieġeb bi Tweġiba għal Kard maħruġa abbażi ta' liċenzja tas-sewqan.

2. Għandhom jiġu inklużi tipi oħrajn ta' messaġġi li jitqiesu li huma xierqa għall-funzjonament effiċjenti ta' TACHOnet, pereżempju notifiki tal-iżbalji.

3. Is-sistemi nazzjonali għandhom jirrikonoxxu l-istatuses tal-kards elenkati fl-Appendiċi ta' dan l-Anness, meta jkun qiegħed jiġi użat wieħed mill-funzjonalitajiet deskritti fil-punt 1. Madankollu, l-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jimplimentaw proċedura amministrattiva li tagħmel użu mill-istatuses kollha elenkati.

4. Meta Stat Membru jirċievi tweġiba jew notifika li tagħti status li ma jintużax fil-proċeduri amministrattivi tiegħu, dan l-istatus fil-messaġġ li jasal, is-sistema nazzjonali għandha tittraduċih għall-valur xieraq f'dik il-proċedura. Il-messaġġ ma għandhux jiġi miċħud mill-Istat Membru tat-tweġiba, kemm-il darba l-istatus fil-messaġġ ikun elenkat fl-Appendiċi ta' dan l-Anness.

5. L-istatuses tal-kards elenkati fl-Appendiċi ta' dan l-Anness ma għandhomx jintużaw sabiex jiġi stabbilit jekk kard tas-sewwieqa hijiex valida għas-sewqan. Meta Stat Membru jistaqsi dwar ir-reġistrazzjoni tal-Istat Membru emittenti tal-kard permezz tal-funzjonalità CCS, it-tweġiba għandha tinkludi l-attribut apposta "valida għal sewqan". Il-proċeduri amministrattivi nazzjonali għandhom ikunu tali li t-tweġibiet CCS dejjem ikunu jinkludu l-valur xieraq ta' "valida għas-sewqan".

▼B

Appendiċi

Statuses tal-kards

Status tal-kard	Definizzjoni
Applikazzjoni	Is-CIA rċeviet applikazzjoni biex tinħareġ kard tas-sewwieqa. Din l-informazzjoni ġiet irreġistrata u maħżuna fil-bażi tad-dejta mal-kjavi tat-tiftix iġġenerati.
Approvata	Is-CIA approvat l-applikazzjoni għall-kard tat-takografu.
Irrifjutata	Is-CIA ma approvatx l-applikazzjoni.
Ippersonalizzata	Il-kard tat-takografu ġiet ippersonalizzata.
Mibgħuta	L-Awtorità Nazzjonali bagħtet il-kard tas-sewwieqa lis-sewwieq jew lill-aġenzija tat-twassil rilevanti.
Mogħtija	L-Awtorità Nazzjonali tat il-kard tas-sewwieqa lis-sewwieq rilevanti.
Ikkonfiskata	Il-kard tas-sewwieqa ittieħdet mingħand is-sewwieq mill-awtorità kompetenti.
Sospiża	Il-kard tas-sewwieqa ttieħdet temporanjament mingħand is-sewwieq.
Irtirata	Is-CIA ddeċidiet li tirtira l-kard tas-sewwieqa. Il-kard ġiet invalidata definittivament.
Ċeduta	Il-kard tat-takografu ngħatat lura lis-CIA, u ġiet iddikjarata li ma għadhiex aktar meħtieġa.
Mitlufa	Il-kard tat-takografu ġiet iddikjarata mitlufa lis-CIA.
Misruqa	Il-kard tat-takografu ġiet iddikjarata misruqa lis-CIA. Kard misruqa titqies bħala mitlufa.
Bil-Ħsara	Il-kard tat-takografu ġiet irrappurtata li ma għadhiex taħdem sewwa lis-CIA.
Skadiet	Il-perjodu tal-validità tal-kard tat-takografu skada.
Mibdula	Il-kard tat-takografu, li ġiet irrapportata mitlufa, misruqa jew li ma għadiex taħdem sewwa, inbidlet b'kard ġdida. Id-dejta fuq il-kard il-ġdida hija l-istess, bl-eċċezzjoni tal-indiċi tas-sostituzzjoni tan-numru tal-kard, li ġie miżjud b'wieħed.
Imġedda	Il-kard tat-takografu ġiet imġedda minħabba xi tibdil fid-dejta amministrattiva jew minħabba li l-perjodu tal-validità se jintemm. In-numru tal-kard il-ġdida huwa l-istess wieħed, bl-eċċezzjoni tal-indiċi tas-sostituzzjoni tan-numru tal-kard, li ġie miżjud b'wieħed.
Fi skambju	Is-CIA li tkun ħarġet il-kard tas-sewwieqa rċeviet notifika li nbdiet il-proċedura għall-iskambju ta' dik il-kard ma' kard tas-sewwieqa maħruġa mis-CIA ta' Stat Membru ieħor.
Skambjata	Is-CIA li tkun ħarġet il-kard tas-sewwieqa rċeviet notifika li tlestiet il-proċedura għall-iskambju ta' dik il-kard ma' kard tas-sewwieqa maħruġa mis-CIA ta' Stat Membru ieħor.

▼B

ANNESS III

Dispożizzjonijiet tal-messaġġi tas-sistema ta' messaġġi TACHOnet

1. **Rekwiżiti tekniċi ġenerali**

1.1. Is-sistema ċentrali għandha tipprovdi interfaċċa sinkronika u oħra asinkronika għall-iskambju tal-messaġġi. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu l-aktar teknoloġija adatta għall-interfaċċa mal-applikazzjonijiet tagħhom stess.

1.2. Il-messaġġi kollha skambjati bejn is-sistema ċentrali u s-sistemi nazzjonali għandhom ikunu kkowdjati UTF-8.

1.3. Is-sistemi nazzjonali għandhom ikunu kapaċi jirċievu u jipproċessaw il-messaġġi li jkun fihom il-karattri Griegi jew Ċirilliċi.

2. **Struttura tal-messaġġi XML u definizzjoni tal-Iskema (XSD)**

2.1. L-istruttura ġenerali tal-messaġġi XML għandha ssegwi l-format definit mill-iskemi XSD installati fis-sistema ċentrali.

2.2. Is-sistema ċentrali u s-sistema nazzjonali għandhom jittrażmettu u jirċievu l-messaġġi li jikkonformaw mal-iskema XSD tal-messaġġi.

2.3. Is-sistemi nazzjonali għandhom ikunu kapaċi jibagħtu, jirċievu u jipproċessaw il-messaġġi kollha li jikkorrispondu ma' kwalunkwe waħda mill-funzjonalitajiet stipulati fl-Anness I.

2.4. Il-messaġġi XML għandhom mill-inqas jinkludu r-rekwiżiti minimi stipulati fl-Appendiċi ta' dan l-Anness.

▼B

Appendiċi

Rekwiżiti minimi għall-kontenut tal-messaġġi XML

Common Header (intestatura komuni)		Obbligatorja
Version (Verżjoni)	Il-verżjoni uffiċjali tal-ispeċifikazzjonijiet XML se tiġi speċifikata permezz tan-namespace definit fil-messaġġ XSD u fl-attribut tal-*verżjoni* tal-element tal-Intestatura ta' kwalunkwe messaġġ XML. In-numru tal-verżjoni ("n.m") jiġi definit bħala valur fiss f'kull rilaxx tal-fajl tad-Definizzjoni ta' Skema XML (xsd).	Iva
Test Identifier (identifikatur tat-test)	Id fakultattiva għall-ittestjar. L-oriġinatur tat-test jimla l-id u l-parteċipanti kollha fil-workflow jittrażmettu/jirritornaw l-istess id. Fil-produzzjoni din għandha tiġi injorata u mhux se tintuża jekk tiġi pprovduta.	Le
Technical Identifier (identifikatur tekniku)	UUID li jidentifika b'mod uniku lil kull messaġġ individwali. Min jibgħat il-messaġġ jiġġenera UUID u jimla dan l-attribut. Din id-dejta ma tintużax f'kapaċità kummerċjali.	Iva
Workflow Identifier (identifikatur tal-workflow)	Il-workflowId huwa UUID u għandu jiġi ġġenerat mill-Istat Membru tar-rikjesta. Dan l-id mbagħad jintuża fil-messaġġi kollha biex jikkorrelataw il-workflow.	Iva
Sent At (mibgħut fi)	Id-data u l-ħin (UTC) li ntbagħat il-messaġġ.	Iva
Timeout (skadenza)	Dan huwa attribut fakulattiv tad-data u l-ħin (f'format UTC). Dan il-valur jiġi ssettjat biss mis-sistema ċentrali għar-rikjesti forwarded. Jinforma lill-Istat Membru tat-tweġiba bil-ħin meta tiskadi r-rikjesta. Dan il-valur mhux meħtieġ fi MS2TCN_<x>_Req u l-messaġġi kollha ta' tweġiba. Huwa fakultattiv allura d-definizzjoni tal-intestatura tista' tintuża għat-tipi kollha tal-messaġġi irrispettivament minn jekk huwiex meħtieġ l-attribut timeoutValue.	Le
From (mingħand)	Il-kodiċi ISO 3166-1 Alpha 2 tal-Istat Membru li bagħat il-messaġġ jew "UE".	Iva
To (lil)	Il-kodiċi ISO 3166-1 Alpha 2 tal-Istat Membru li qed jintbagħatlu l-messaġġ jew "UE".	Iva

Check Issued Cards Response (Rikjesta għal verifika tal-kards maħruġa)		Obbligatorja
Family Name (kunjom)	Il-kunjom tas-sewwieq kif jidher fuq il-kard.	Iva
First Name (isem)	L-isem tas-sewwieq kif jidher fuq il-kard (jekk l-isem ma jingħatax, dan ma jindikax tiftixa wildcard).	Le

▼B

Check Issued Cards Response (Rikjesta għal verifika tal-kards maħruġa)		Obbligatorja
Date of Birth (data tat-twelid)	Id-data tat-twelid tas-sewwieq kif tidher fuq il-kard.	Iva
Driving Licence Number (numru tal-liċenzja tas-sewqan)	In-numru tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq.	Le
Driving Licence Issuing Country (pajjiż emittenti tal-liċenzja tas-sewqan)	Il-pajjiż li ħareġ il-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq.	Le

Check Issued Cards Response (Tweġiba tal-verifika tal-kards maħruġa)		Obbligatorja
Status Code (kodiċi tal-istatus)	Il-kodiċi tal-istatus tat-tiftixa (eż. instab, ma nstabx, żball, eċċ.).	Iva
Status Message (messaġġ tal-istatus)	Deskrizzjoni ta' spjega tal-istatus (jekk ikun hemm bżonn).	Le
Dettalji tas-Sewwieqa Misjuba		Iva
Family Name (kunjom)	Il-kunjom tas-sewwieqa li nstabu.	Iva
First Name (isem)	L-isem jew l-ismijiet tas-sewwieqa li nstabu.	Le
Date of Birth (data tat-twelid)	Id-data tat-twelid tas-sewwieqa li nstabu.	Iva
Place of Birth (post tat-twelid)	Il-post tat-twelid tas-sewwieqa li nstabu.	Le
Driver Card Number (numru tal-kard tas-sewwieq)	In-numru tal-kard tas-sewwieq li nstab.	Iva
Driver Card Status (status tal-kard tas-sewwieq)	L-istatus tal-kard tas-sewwieq li nstab.	Iva
Driver Card Issuing Authority (awtorità emittenti tal-kard tas-sewwieq)	L-isem tal-awtorità li ħarġet il-kard tas-sewwieq li nstab.	Iva
Driver Card Start of Validity Date (data tal-bidu tal-validità tal-kard tas-sewwieq)	Id-data tal-bidu tal-validità tal-kard tas-sewwieq li nstab.	Iva
Driver Card Expiry Date (data tal-iskadenza tal-kard tas-sewwieq)	Id-data tal-iskadenza tal-kard tas-sewwieq li nstab.	Iva
Driver Card Status Modified Date (data tal-modifika tal-istatus tal-kard tas-sewwieq)	Id-data li fiha ġiet immodifikata l-aħħar il-kard tas-sewwieq li nstab.	Iva
Search Mechanism (mekkaniżmu ta' tfittxija)	Il-kard instabet bi tfittxija NYSIIS jew bi tfittxija adattata speċifikament?	Iva

▼B

Check Issued Cards Response (Tweġiba tal-verifika tal-kards maħruġa)		Obbligatorja
Temporary Card (kard temporanja)	Il-kard li nstabet hija waħda temporanja.	Le
Driving Licence Number (numru tal-liċenzja tas-sewqan)	In-numru tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq li nstab.	Iva
Driving Licence Issuing Country (pajjiż emittenti tal-liċenzja tas-sewqan)	Il-pajjiż li ħareġ il-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq li nstab.	Iva
Driving Licence Status (status tal-liċenzja tas-sewqan)	L-istatus tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq li nstab.	Le
Driving Licence Issuing Date (data tal-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan)	Id-data tal-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq li nstab.	Le
Driving Licence Expiry Date (data tal-iskadenza tal-liċenzja tas-sewqan)	Id-data tal-iskadenza tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq li nstab.	Le

Check Card Status Request (Rikjesta ta' verifika tal-istatus tal-kard)		Obbligatorja
Driver Card Number (numru tal-kard tas-sewwieq)	In-numru tal-kard li għaliha huma meħtieġa d-dettalji.	Iva

Check Card Status Response (Tweġiba ta' verifika tal-istatus tal-kard)		Obbligatorja
Status Code (kodiċi tal-istatus)	Il-kodiċi tal-istatus tar-rikjesta għad-dettalji (eż. instab, ma nstabx, żball, eċċ.).	Iva
Status Message (messaġġ tal-istatus)	Deskrizzjoni ta' spjega tal-istatus (jekk ikun hemm bżonn).	Le
Card Status (status tal-kard)	L-istatus tal-kard rikjesta.	Iva
Card Issuing Authority (awtorità emittenti tal-kard)	L-isem tal-awtorità li ħarġet il-kard rikjesta.	Iva
Card Start of Validity Date (data tal-bidu tal-validità tal-kard)	Id-data tal-bidu tal-validità tal-kard rikjesta.	Iva
Card Expiry Date (data tal-iskadenza tal-kard)	Id-data tal-iskadenza tal-kard rikjesta.	Iva
Card Status Modified Date (data tal-modifika tal-istatus tal-kard)	Id-data li fiha ġiet immodifikata l-aħħar il-kard rikjesta.	Iva
Valid for Driving (valida għas-sewqan)	Il-kard li nstabet hija/mhijiex valida għas-sewqan.	Iva
Temporary Card (kard temporanja)	Il-kard li nstabet hija waħda temporanja.	Le

▼B

Check Card Status Response (Tweġiba ta' verifika tal-istatus tal-kard)		Obbligatorja
Kard tal-Workshop		
Workshop Name (isem il-workshop)	L-isem tal-workshop li nħarġitlu l-kard.	Iva
Workshop Address (indirizz tal-workshop)	L-indirizz tal-workshop li nħarġitlu l-kard.	Iva
Family Name (kunjom)	Il-kunjom tal-persuna li nħarġitilha l-kard.	Le
First Name (isem)	L-isem tal-persuna li nħarġitilha l-kard.	Le
Date of Birth (data tat-twelid)	Id-data tat-twelid tal-persuna li nħarġitilha l-kard.	Le
Dettalji tad-Detentur tal-Kard		
Family Name (kunjom)	Il-kunjom tas-sewwieq li nħarġitlu l-kard.	Iva
First Name (isem)	L-isem tas-sewwieq li nħarġitlu l-kard.	Le
Date of Birth (data tat-twelid)	Id-data tat-twelid tas-sewwieq li nħarġitlu l-kard.	Iva
Place of Birth (post tat-twelid)	Il-post tat-twelid tas-sewwieq li nħarġitlu l-kard.	Le
Driving Licence Number (numru tal-liċenzja tas-sewqan)	In-numru tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq li nħarġitlu l-kard.	Iva
Driving Licence Issuing Country (pajjiż emittenti tal-liċenzja tas-sewqan)	Il-pajjiż li ħareġ in-numru tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq li nħarġitlu l-kard.	Iva
Driving Licence Status (status tal-liċenzja tas-sewqan)	L-istatus tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq li nħarġitlu l-kard.	Le
Driving Licence Issuing Date (data tal-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan)	Id-data tal-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq li nħarġitlu l-kard.	Le
Driving Licence Expiry Date (data tal-iskadenza tal-liċenzja tas-sewqan)	Id-data tal-iskadenza tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq li nħarġitlu l-kard.	Le

Modify Card Status Request (Rikjesta għal modifika tal-istatus tal-kard)		Obbligatorja
Driver Card Number (numru tal-kard tas-sewwieq)	Il-numru tal-kard li l-istatus tagħha nbidel.	Iva
New Driver Card Status (status ġdid tal-kard tas-sewwieqa)	L-istatus li għalih inbidlet il-kard.	Iva

▼B

Modify Card Status Request (Rikjesta għal modifika tal-istatus tal-kard)		Obbligatorja
Modification Reason (raġuni għall-modifika)	Ir-raġuni (test ħieles) għall-iskambju tal-istatus tal-kard.	Le
Driver Card Status Modified Date (data tal-modifika tal-istatus tal-kard tas-sewwieq)	Id-data u l-ħin meta ġie modifikat l-istatus tal-kard.	Iva
Iddikjarata Minn		
Authority (awtorità)	L-isem tal-awtorità li għamlet il-bidla fl-istatus tal-kard.	Iva
Family Name (kunjom)	Il-kunjom tal-persuna li għamlet il-bidla fl-istatus tal-kard.	Le
First Name (isem)	L-isem tal-persuna li għamlet il-bidla fl-istatus tal-kard.	Le
Phone (telefown)	In-numru tat-telefown tal-persuna li għamlet il-bidla fl-istatus tal-kard.	Le
E-Mail	L-indirizz tal-e-Mail tal-persuna li għamlet il-bidla fl-istatus tal-kard.	Le

Modify Card Status Acknowledgement (Rikonoxximent tal-modifika tal-istatus tal-kard)		Obbligatorja
Status Code (kodiċi tal-istatus)	Il-kodiċi tal-istatus tar-rikonoxximent (ok, ma nstabx, żball, eċċ.).	Iva
Acknowledgement type (tip ta' rikonoxximent)	It-tip ta' rikonoxximent: għal rikjesta jew għal tweġiba	Iva
Status Message (messaġġ tal-istatus)	Deskrizzjoni ta' spjega tal-istatus (jekk ikun hemm bżonn).	Le

Modify Card Status Response (Tweġiba tal-modifika tal-istatus tal-kard)		Obbligatorja
Status Code (kodiċi tal-istatus)	Il-kodiċi tal-istatus tal-aġġornament tar-reġistru (ok, mhux ok, żball, eċċ.).	Iva
Status Message (messaġġ tal-istatus)	Deskrizzjoni ta' spjega tal-istatus (jekk ikun hemm bżonn).	Le

Issued Card Driving Licence Request (Rikjesta għal kard maħruġa abbażi ta' liċenzja tas-sewqan)		Obbligatorja
Driver Card Number (numru tal-kard tas-sewwieq)	In-numru tal-kard tas-sewwieq li nħarġet.	Iva
Driving Licence Number (numru tal-liċenzja tas-sewqan)	In-numru tal-liċenzja tas-sewqan barranija li ntużat għall-applikazzjoni għall-kard tas-sewwieq.	Iva

▼B

Issued Card Driving Licence Response (Tweġiba għal kard maħruġa abbażi ta' liċenzja tas-sewqan)		Obbligatorja
Status Code (kodiċi tal-istatus)	Il-kodiċi tal-istatus li jirrikonoxxi n-notifika (ok, mhux ok, żball, eċċ.).	Iva
Status Message (messaġġ tal-istatus)	Deskrizzjoni ta' spjega tal-istatus (jekk ikun hemm bżonn).	Le
Family Name (kunjom)	Il-kunjom tas-sewwieq li nħarġitlu l-kard.	Iva
First Name (isem)	L-isem tas-sewwieq li nħarġitlu l-kard.	Le
Date of Birth (data tat-twelid)	Id-data tat-twelid tas-sewwieq li nħarġitlu l-kard.	Iva

▼B

ANNESS IV

Servizzi ta' transliterazzjoni u NYSIIS (Is-sistema tal-identifikazzjoni u tal-intelliġenza tal-Istat ta' New York)

1. Biex jiddaħħlu l-ismijiet tas-sewwieqa kollha fir-reġistru nazzjonali għandu jintuża l-algoritmu NYSIIS implimentat fis-sistema ċentrali.

2. Fit-tiftixa għal kard permezz tal-funzjonalità CIC, il-kjavi NYSIIS għandha tintuża bħala l-mekkaniżmu primarju tat-tiftix.

3. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jużaw algoritmu tagħhom stess biex jirritornalhom riżultati addizzjonali.

4. Ir-riżultati tat-tiftixa għandhom jindikaw il-mekkaniżmu tat-tiftix li ntuża biex instab reġistru, jew NYSIIS jew tal-Istat Membru stess.

5. Jekk Stat Membru jagħżel li jirreġistra n-notifiki ICDL, allura l-kjavi NYSIIS li jkunu fin-notifika għandhom jiġu rreġistrati bħala parti mid-dejta ICDL.

5.1. Meta jfittex id-dejta ICDL, l-Istat Membru għandu juża l-kjavi NYSIIS tal-isem tal-applikant.

▼B

ANNESS V

Rekwiziti tas-sigurtà

1. L-HTTPS għandu jintuża għall-iskambju tal-messaġġi bejn is-sistema ċentrali u s-sistemi nazzjonali.

2. Is-sistemi nazzjonali għandhom jużaw iċ-ċertifikati PKI ipprovduti mill-Kummissjoni biex jintbagħtu l-messaġġi bejn is-sistema nazzjonali u s-sistema ċentrali.

3. Is-sistemi nazzjonali għandhom jimplimentaw, bħala minimu, iċ-ċertifikati li jużaw l-algoritmu SHA-2 (SHA-256) u b'tul tal-kjavi pubblika ta' 2 048 bit.

▼B

ANNESS VI

Livelli ta' servizz

1. Is-sistemi nazzjonali għandhom jissodisfaw il-livell minimu ta' servizz li ġej:

1.1. Għandhom ikunu disponibbli 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa.

1.2. Id-disponibbiltà tagħhom għandha tiġi mmonitorjata b'messaġġ pulsanti maħruġ mis-sistema ċentrali.

1.3. Ir-rata tad-disponibbiltà tagħhom għandha tkun ta' 98 %, skont it-tabella li ġejja (iċ-ċifri ġew imqarrba għall-eqreb unità konvenjenti):

Disponibbiltà ta'	tfisser in-nuqqas ta' disponibbiltà ta'		
	Kuljum	Kull xahar	Kull sena
98 %	nofs siegħa	15-il siegħa	sebat ijiem u nofs

L-Istati Membri huma mħeġġa jirrispettaw ir-rata tad-disponibbiltà ta' kuljum, madankollu, huwa rikonoxxut li ċerti attivitajiet, bħall-manutenzjoni tas-sistema, jeħtieġu aktar minn 30 minuta. Madankollu, ir-rati ta' disponibilità ta' kull xahar u ta' kull sena jibqgħu obbligatorji.

1.4. Għandhom iwieġbu għal minimu ta' 98 % tar-rikjesti mibgħuta lilhom f'xahar kalendarju wieħed.

1.5. Għandhom iwieġbu għar-rikjesti fi żmien 10 sekondi.

1.6. Il-ħin totali tal-iskadenza tar-rikjesta (iż-żmien li fih min jagħmel ir-rikjesta jista' jistenna tweġiba) ma għandux jeċċedi l-20 sekonda.

1.7. Għandhom ikunu jistgħu jipprovdu rata ta' rikjesti ta' sitt messaġġi kull sekonda.

1.8. Is-sistemi nazzjonali ma jistgħux jibagħtu rikjesti lis-sistema TACHOnet b'rata ikbar minn żewġ rikjesti kull sekonda.

1.9. Kull sistema nazzjonali għandha tkun kapaċi tindirizza l-problemi tekniċi potenzjali tas-sistema ċentrali jew tas-sistemi nazzjonali fi Stati Membri oħrajn. Dawn jinkludu, imma mhux esklussivament:

(a) it-telf tal-konnessjoni mas-sistema ċentrali;

(b) ebda tweġiba għal rikjesta;

(c) il-wasla tat-tweġibiet wara li jiskadi l-ħin ta' messaġġ;

(d) il-wasla ta' messaġġi mhux rikjesti;

(e) il-wasla ta' messaġġi mhux validi;

2. Is-sistema ċentrali għandha:

2.1. ikollha rata ta' disponibbiltà ta' 98 %;

▼B

2.2. tipprovdi lis-sistemi nazzjonali bin-notifika ta' kull żball, permezz tal-messaġġ ta' tweġiba jew permezz ta' messaġġ ta' żball apposta. Is-sistemi nazzjonali, min-naħa tagħhom, għandhom jirċievu dawn il-messaġġi ta' żball apposta u jkollhom fis-seħħ sistema ta' eskalazzjoni tax-xogħol biex jieħdu kwalunkwe azzjoni xierqa biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji nnotifikati.

3. Manutenzjoni

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe attività ta' manutenzjoni ta' rutina permezz tal-applikazzjoni tal-web, mill-inqas ġimgħa qabel il-bidu ta' dawn l-attivitajiet, jekk dan ikun possibbli teknikament.

▼B

ANNESS VII

Reġistrazzjoni u statistika tad-dejta miġbura fis-sistema ċentrali

1. Sabiex tiġi żgurata l-privatezza, id-dejta għall-finijiet tal-istatistika għandha tkun anonima. Id-dejta li tidentifika kard speċifika, sewwieq speċifiku jew liċenzja tas-sewqan speċifika ma għandhiex tkun disponibbli għal finijiet tal-istatistika.

2. L-informazzjoni tar-reġistrazzjoni għandha ssegwi t-tranżazzjonijiet kollha għall-finijiet ta' monitoraġġ u ta' debugging, u għandha tippermetti l-ġenerazzjoni tal-istatistika dwar dawn it-tranżazzjonijiet.

3. Id-dejta personali ma għandhiex tinżamm fir-reġistri għal aktar minn sitt xhur. L-informazzjoni statistika għandha tinżamm indefinittivament.

4. Id-dejta statistika użata għar-rappurtar għandha tinkludi:

   (a) l-Istat Membru tar-rikjesta;

   (b) l-Istat Membru tat-tweġiba;

   (c) it-tip ta' messaġġ;

   (d) il-kodiċi tal-istatus tat-tweġiba;

   (e) id-data u l-ħin tal-messaġġi;

   (f) il-ħin tat-tweġiba.

▼B

ANNESS VIII

Użu tas-sistema ta' messaġġi TACHOnet

1. **Hruġ tal-kards tas-sewwieqa**

1.1. Meta l-applikant għal kard tas-sewwieqa jkollu liċenzja tas-sewqan maħruġa fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru tal-applikazzjoni, għandha ssir tfittxija ġenerali għal Check Issued Card (Verifika tal-kard maħruġa) mill-Istat Membru tal-applikazzjoni.

1.2. L-Istati Membri li joħorġu kard tas-sewwieqa lil sewwieq li jkollu liċenzja tas-sewqan maħruġa fi Stat Membru ieħor, għandhom jinnotifikaw minnufih lil dan tal-aħħar, permezz tal-funzjoni Issued Card Driving Licence (Kard maħruġa abbażi ta' liċenzja tas-sewqan), li tkun inħarġet kard tas-sewwieqa.

1.3. Meta l-applikant għal kard tas-sewwieqa jkollu liċenzja tas-sewqan maħruġa fl-Istat Membru tal-applikazzjoni, u li għaliha tkun diġà ġiet irreġistrata notifika ICDL fir-reġistru nazzjonali tiegħu, l-Istat Membru għandu jew jagħmel tfittxija mmirata CIC jew tfittxija ta' Check Card Status (Verifika tal-istatus tal-kard) lill-Istat Membru li bagħat in-notifika ICDL.

1.4. Kull notifika ICDL għandha tiġi rreġistrata fir-reġistru nazzjonali tal-Istat Membru li jirċeviha.

1.5. L-Istati Membri għandhom jagħmlu tfittxija ġenerali CIC, mill-inqas, għal 30 % tal-applikazzjonijiet ippreżentati minn sewwieqa li jkollhom liċenzja maħruġa f'dak l-Istat Membru.

1.6. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jużawx il-funzjonalità ICDL kif prevista fil-punti 1.3 sa 1.5. F'dan il-każ, għandhom iwettqu tfittxija ġenerali CIC għal kull applikazzjoni li tasal.

1.7. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament dwar jekk hux se jirreġistraw in-notifiki ICDL fir-reġistri nazzjonali tagħhom jew se jsegwu l-proċedura fil-punt 1.6.

1.8. L-Istati Membri li, ħames snin jew inqas qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ma rreġistrawx in-notifiki ICDL fir-reġistri nazzjonali tagħhom kif stipulat fil-punt 1.4, għandhom jagħmlu tfittxija ġenerali CIC għal 100 % tal-applikazzjonijiet, ħlief għal-liċenzji tas-sewqan li għalihom tkun ġiet irreġistrata notifika ICDL, f'liema każ għandu japplika l-punt 1.3.

1.9. L-obbligu tal-punt 1.8 japplika għal perjodu ta' ħames snin mid-data li fiha r-reġistrazzjoni tan-notifiki ICDL tkun ġiet implimentata b'mod effettiv fir-reġistru nazzjonali ta' kull Stat Membru.

2. **Kards tas-sewwieqa rtirati, sospiżi jew misruqin**

2.1. Jekk, skont l-Artikolu 26(7) u l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, kard tas-sewwieqa tkun ġiet irtirata, sospiża jew iddikjarata misruqa fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru emittenti, l-awtorità kompetenti tal-ewwel Stat Membru għandha:

(a) tivverifika l-istatus attwali tal-kard billi tibgħat rikjesta CCS lill-Istat Membru emittenti. Jekk in-numru tal-kard ma jkunx magħruf, għandha tintbagħat rikjesta ta' tfittxija mmirata CIC qabel ma tintbagħat ir-rikjesta CCS imsemmija qabel;

(b) tibgħat notifika MCS permezz tas-sistema ta' messaġġi TACHOnet lill-Istat Membru emittenti.

▼B

3. **Skambju tal-kards tas-sewwieqa**

3.1. Meta d-detentur ta' kard tas-sewwieqa japplika għall-iskambju tal-kard tas-sewwieqa fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru emittenti, l-awtorità kompetenti tal-Istat tal-ewwel għandha tivverifika l-istatus attwali tal-kard billi tibgħat rikjesta CCS lill-Istat tal-aħħar.

3.2. Ladarba l-istatus tal-kard tas-sewwieqa jkun ġie ċċekkjat u l-kard tkun valida għall-iskambju, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun saret l-applikazzjoni, għandha tibgħat rikjesta MCS permezz tas-sistema ta' messaġġi TACHOnet lill-Istat Membru emittenti.

3.3. L-Istati Membri li jkunu qed iġeddu jew jiskambjaw kard tas-sewwieqa lil sewwieq li jkollu liċenzja tas-sewqan maħruġa fi Stat Membru ieħor, għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Istat Membru emittenti, permezz tal-funzjoni ICDL, li l-kard tas-sewwieqa iġġeddet jew ġiet skambjata.

▼**M1**

ANNESS IX

Applikazzjoni għal aċċess indirett għas-sistema TACHOnet

[L-isem fil-qosor tal-awtorità nazzjonali li qed titlob aċċess indirett għas-sistema TACHOnet] ta' [l-isem tal-pajjiż li jkun qed jitlob aċċess indirett għas-sistema TACHOnet] iffirmat kuntratt ma' [l-isem fil-qosor tal-awtorità nazzjonali li qed tipprovdi aċċess indirett għas-sistema TACHOnet] biex tikseb aċċess indirett għas-sistema TACHOnet permezz ta' [l-isem tal-pajjiż li qed jipprovdi aċċess indirett għas-sistema TACHOnet].

Il-kuntratt fejn [l-isem tal-pajjiż li qed jipprovdi aċċess indirett għas-sistema TACHOnet] jipprovdi aċċess indirett għas-sistema TACHOnet lil [l-isem tal-pajjiż li qed jitlob aċċess indirett għas-sistema TACHOnet] hu mehmuż ma' din l-applikazzjoni.

Għandha tingħata din l-informazzjoni:

(a) l-awtorità nazzjonali responsabbli għall-aċċess għas-sistema TACHOnet fi [l-isem tal-pajjiż li qed jitlob aċċess indirett għas-sistema TACHOnet];

(b) persuna ta' kuntatt għas-sistema TACHOnet fi [l-awtorità nazzjonali msemmija fil-punt (a)] (l-isem, ir-rwol, l-indirizz tal-email, in-numru tat-telefown u l-indirizz postali);

(c) l-isem u r-rwol ta' entitajiet oħra responsabbli fir-rigward tas-sistema TACHOnet;

(d) persuni ta' kuntatt fl-entitajiet responsabbli imsemmija fil-punt (c) (l-isem, ir-rwol, l-indirizz tal-email, in-numru tat-telefown).

Iffirmata minn:

[ir-rappreżentant tal-awtorità nazzjonali li qed titlob aċċess indirett għas-sistema TACHOnet].